A.L. 255 ta' l-2008

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti ta' l-2008 dwar in-Notifika ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taħt l-Art

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar in-Notifika ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taħt l-Art.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-7 ta'Ottubru, 2008.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm –il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

Kap. 423.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"dritt għan-notifika" tfisser id-dritt imħallas fuq in-notifika ta' sors ta' ilma ta' taħt l-art skond dawn ir-regolamenti;

A.L. 120 ta' l-1997.

"dritt għar-reġistrazzjoni" tfisser id-dritt imħallas fuq ir-reġistrazzjoni ta' sors ta' ilma ta' taħt l-art skond ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Sorsi ta' Ilma ta' taħt l-Art;

"ilma ta' taħt l-art" tfisser l-ilma kollu li jinsab taħt il-wiċċ ta' l-art fiż-żona ta' saturazzjoni u f'kuntatt dirett ma' l-art jew mal-ħamrija ta' taħt;

"sors ta' l-ilma ta' taħt l-art" jew "sors" tfisser kull xaft, mina, ftuħ, toqba, miżra jew bir imħaffer fl-art jew imkabbar b'mezz artifiċjali, li jwassal sa l-ilma ta' taħt l-art jew li hu vertikalment iktar fond minn nofs id-distanza bejn il-wiċċ tal-bir u l-eqreb ilma ta' taħt l-art f'dak il-post, iżda ma tinkludix ġiebja;

"uffiċjal" tfisser u tinkludi kull persuna impjegata, allokata fuq dmirijiet, jew li b'xi mod, li jkun, taqdi dmirijiet għal jew f'isem l-Awtorità;

"utent" tfisser il-persuna li, waħedha jew flimkien ma' oħrajn, ikollha l-kontroll effettiv ta' l-użu tal-proprjetà fejn ikun jinsab sors ta' l-ilma ta' taħt l-art.

(2) It-tifsiriet li hemm fl-Att għandhom ukoll japplikaw f'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra.

Notifika ta' sors ta' l-ilma ta' taħt l-art.

A.L. 120 ta' l-1997.

3. (1) Kull sors ta' l-ilma ta' taħt l-art li ma jkunx ġie reġistrat skond ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taħt l-Art, għandu jiġi notifikat lill-Awtorita' minn kull utent ta' dak is-sors ta' l-ilma ta' taħt l-art, sas-6 ta' Novembru.

(2) L-informazzjoni meħtieġa fis-subregolament (1) għandha tingħata fuq il-formola murija fl-Iskeda, u għandha tinkludi l-partikolaritajiet kollha u r-rekwiżiti kollha hemm indikati.

(3) Il-formola indikata fis-subregolament (2) tista' tinkiseb minn kull post li l-Awtorità tista' ssemmi jew inkella tista' tinkiseb mill-*website* ta' l-Awtorità.

(4) Sors ta' l-ilma rreġistrat mal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma taħt ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taħt l-Art wara it-3 ta' Settembru 1997 għandhom jiġu meqjusa li ġew irreġistrati taħt dawn ir-regolamenti.

Dritt għan- notifika.

4. (1) Meta ssir n-notifika ta' sors ta' l-ilma ta' taħt l-art, għandu jitħallas lill-Awtorità dritt għan-notifika ta' mitejn u tletin euro (€230):

Iżda, fil-każ ta' sors ta' ilma ta' taħt l-art li jkun ġie mħaffer jew imkabbar qabel is-sena 1955, m'għandu jitħallas ebda dritt għan-notifika.

(2) Sors ta' l-ilma ta' taħt l-art m'għandux jitqies li jkun ġie notifikat għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, ħlief wara li jitħallas id-dritt għan-notifika relattiv.

(3) Jekk sors ta' l-ilma ta' taħt l-art jintuża minn aktar minn persuna waħda, għandha tiġi ippreżentata notifika waħda biss għal dak is-sors ta' ilma ta' taħt l-art u għandu jitħallas dritt wieħed biss għan-notifika ta' dak is-sors ta' ilma ta' taħt l-art.

Eżekuzzjoni ta' dmirijiet.

5. L-Awtorità tista' taħtar lil xi uffijal tagħha jew lil xi persuna oħra li taġixxi f'isimha biex jeżegwixxu d-dmirijiet li għandhom x'jaqsmu ma', jew li joħorġu minn, dawn ir-regolamenti.

Drittijiet ta' użu.

6. (1) In-notifika ta' sors ta' l-ilma ta' taħt l-art skond dawn ir-regolamenti ma tagħti b'ebda mod xi dritt lil xi persuna li tinnotifika sors ta' l-ilma ta' taħt l-art skond dawn ir-regolamenti, jew lil xi utent ieħor li jtella' l-ilma minn dak is-sors, jew li jiddisponi minn xi materjal, sew likwidu sew solidu, f'dak is-sors, jew li jżomm dak is-sors miftuħ, u l-Awtorità tista' f'kull żmien tordna lil dik il-persuna jew utent li jagħlqu dak is-sors ta' l-ilma ta' taħt l-art, minkejja illi dak is-sors ikun ġie notifikat u d-dritt għan-notifika jkun ġie mħallas skond dawn ir-regolamenti.

(2) Jekk l-Awtorità tordna lil xi persuna jew utent biex jagħlaq sors ta' l-ilma ta' taħt l-art, id-dritt għar-reġistrazzjoni jew id-dritt għan-notifika li jkunu tħallsu fir-rigward ta' dak is-sors ma jingħatawx lura.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal kull utent jew sors ta' l-ilma ta' taħt l-art reġistrat skond ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taħt l-Art.

Drittijiet mhux preġudikati.

7. In-notifika ta' sors ta' l-ilma ta' taħt l-art li ssir minn xi utent ta' sors ta' l-ilma ta' taħt l-art skond dawn ir-regolamenti, m'għandha bl-ebda mod tippreġudika xi dritt jew pretensjoni li jista' jkollhom terzi persuni fuq dak is-sors.

Reati u pieni.

8. (1) Meta utent ta' sors ta' l-ilma ta' taħt l-art jonqos milli jinnotifika lill-Awtorità fiż-żmien stabbilit fir-regolament 3 jew jippreżenta informazzjoni żbaljata, mhux kompluta jew falza fil-formola tan-notifika, huwa jkun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati, jeħel multa ta' mhux inqas minn disat elef u tliet mitt euro (€9,300) iżda mhux iżjed minn tmintax-il elf u sitt mitt euro (€18,600) u l-konfiska ta' l-apparat użat fl-istess sors ta' l-ilma ta' taħt l-art.

(2) Dik il-multa għandha titħallas f'dak iż-żmien li l-Qorti tordna fis-sentenza tagħha.

(3) Kemm il-multa kemm il-konfiska għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li l-utent jista' jeħel taħt xi liġi oħra jew xi regolament ieħor.

Tħassir ta' A.L. 120 ta' l-1997.

9. Ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar Sorsi ta' l-Ilma ta' taħt l-Art, qegħdin b'dawn jiġu mħassra.

B 3538

Skeda

(Regolament 3)

Malta Resources Authority
Millennia Complex
Triq Aldo Moro
Marsa, MRS 9065
MALTA

Tel. : +356 2122 0619
Fax.: +356 2295 5200
Email: enquiry@mra.org.mt
www.mra.org.mt

MALTA RESOURCES AUTHORITY

APPLIKAZZJONI GĦAN-NOTIFIKA TA' SORS TA' L-ILMA TA' TAĦT L-ART

Għall-Użu Iffiċjali Biss	
Numru tan-Notifika	
Data meta ġiet riċevuta	

Is-sezzjonijiet kollha f'din l-applikazzjoni għandhom jiġu mimlija u jkunu jinqraw sew. (Applikazzjonijiet mhux kompluti, li ma jinqrawx sew, jew li mhux mimlija kif suppost jiġu mizmuma jew irritornati).

SEZZJONI A - INFORMAZZJONI ĠENERALI

A1. Informazzjoni dwar l-Applikant

Għandha tiġi mimlija jekk l-applikazzjoni tkun magħmula minn individwu			
Titolu	Isem u kunjom sħiħ		
Numru tal-Karta ta' l-Identità / Passaport:	Numru ta' VAT (jekk ikun il-każ):	Numru ta' liċenza tan-Negozju (jekk ikun il-każ):	
Indirizz ta' l-Applikant:			
Numru tat-telefon:	Numru tal-*mobile*:	Numru tal-*fax*:	Indirizz ta' l-*E-mail*:

Għandha tiġi mimlija jekk l-applikazzjoni tkun magħmula f'isem Kumpannija / Organizzazzjoni Ġuridika	
Isem tal-Kumpannija / Organizzazzjoni Ġuridika	
Numru ta' Reġistrazzjoni tal-Kumpannija	Numru tal-VAT
Numru ta' Liċenzja ta' Negozju (jekk ikun il-każ):	
Tip ta' Kumpannija: LTD ☐ PLC ☐ Korporazzjoni ☐ Gvern ☐ Organizzazzjoni ☐ Oħrajn ☐ (Speċifika) _____	
Il-Kumpannija hija parti minn Grupp? IVA ☐ (Speċifika) _____ LE ☐	

Partikolaritajiet tar-Rappreżentant tal-Kumpannija (jekk ikun il-każ)			
Titolu	Isem u kunjom sħiħ		
Numru ta' Karta ta' l-Identita / Passaport	Kariga li jkollu:		
Indirizz fejn ikun jista' jinsab:			
Numru. tat-telefon:	Numru tal-*mobile*:	Numru tal-*fax*:	Indirizz ta' l-*E-mail*:

A2. Utenti ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taħt l-Art
(Jekk ikun hemm bżonn imla kopji addizzjonali ta' din il-paġna bil-partikolaritajiet skond il-każ)

			Sehem ta' użu mogħti bħala perċentwali.
UTENT 1 (Applikant Prinċipali)	Isem u Kunjom		
	Indirizz		
	Dokument I.D / Passaport		

UTENT 2	Isem u Kunjom		
	Indirizz		
	Dokument I.D / Passaport		

UTENT 3	Isem u Kunjom		
	Indirizz		
	Dokument I.D / Passaport		

UTENT 4	Isem u Kunjom		
	Indirizz		
	Dokument I.D / Passaport		

SEZZJONI B - DETTALJI TAS-SORS

B1. Lokalità u dettalji dwar is-sit tas-sors

Indirizz tas-sors ta' l-ilma ta' taħt l-art:	
Isem ta' l-art fejn jinsab is-sors:	
Limiti ta':	

B2. Klassifikazzjoni tas-Sors

Klassifikazzjoni tas-Sors **(ara t-tifsiriet)** *(immarka × kif meħtieġ)*		Noti
Spiera		Referenza Sezzjoni B3.1
Xaft (spiera) bil-mini jew mingħajr mini		Referenza Sezzjoni B3.2
Nixxiegħa (mini orizzontali)		Referenza Sezzjoni B3.3

B3. Dettalji Speċifiċi ta' Sors

B3.1	**Spiera**	Dijametru (D) f' ċentimetri	
		Northing (UTM) (WGS84)	
		Easting (UTM) (WGS84)	
		Fond Totali ta' spiera f'metri	
		Fond ta' ilma ta' taħt l-art f'metri	
		Data meta tħaffret l-ispiera	

B3.2	**Spiera mħaffra bl-idejn**		
	Xaft	Dijametru (D) f' ċentimetri	
		Northing (UTM) (WGS84)	
		Easting (UTM) (WGS84)	
		Fond Totali ta' xaft f'metri	
		Fond ta' ilma ta' taħt l-art f'metri	
		Data meta tħaffer ix-xaft	
	Mini *(Jekk hemm bżonn imla kopji addizzjonali ta' din il-paġna bid-dettalji skond kif japplikaw)*	Numru ta' mini orizzontali	
		Tul f'metri tal-mini #1	
		Direzzjoni mit- Tramuntana tal-mini #1 (gradi)	
		Data meta tħaffru l-mini #1	
		Tul f'metri ta' mini #2	
		Direzzjoni mit-Tramuntana tal-mini #2 (gradi)	
		Data meta tħaffru l-mini #2	
		Tul f'metri tal-mini #3	
		Direzzjoni mit-Tramuntana tal-mini #3 (gradi)	
		Data meta tħaffru l-mini #3	

B3.3	**Nixxiegħa (Mini Orizzontali)**	Tul f'metri	
		Direzzjoni mit-Tramuntana (gradi)	
		Ħruġ m^3/siegħa	
		Data meta tħaffru l-mini orizzontali	
		Northing (UTM) (WGS84)	
		Easting (UTM) (WGS84)	

SEZZJONI Ċ. GĦAN TA' L- UŻU

	Għan ta' Użu (immarka skond kif ikun meħtieġ)				
	Tisqija	***Agrikultura / Trobbija ta' l-Annimali***	***Industrijali***	***Ikel u Xorb***	***Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)***
Dettalji għal kull utent elenkati f'Sezzjoni 2 *(Jekk hemm bżonn imla kopji addizzjonali ta' din il-paġna ta' l-applikazzjoni bid-dettalji kif ikunu meħtieġa)*					
Utent 1 (Applikant Prinċipali)					
Utent 2					
Utent 3					
Utent 4					

SEZZJONI D: DOKUMENTI LI GĦANDHOM JIĠU IPPREŻENTATI MAN-NOTIFIKA

1. Kopja ta' pjanta: A4 meħuda mill-aħħar *Survey Sheet* fuq Skala ta' 1:2500:
   - Immarka bl-aħmar il-konfini tas-sit fuq il-pjanti kollha. ☐
   - Immarka l-pożizzjoni mnejn ġie meħud ir-ritratt fuq il-pjanta.
   - Inkludi it-truf fuq is-sit, iħarsu lejn it-Tramuntana u d-distanza mill-eqreb kantuniera ta' bini li jinsab fuq il-pjanta.
2. Ritratt li juri s-sit fejn jinsab is-sors, il-konfini tiegħu u l-pożizzjoni tas-sors, bil-marka minn fejn ġie meħud ir-ritratt muri fuq il-pjanta. Dan ir-ritratt u l-pjanta għandhom jiġu iffirmati u ċertifikati minn Perit. ☐
3. *Bank draft* jew ċekk personali li jammonta għal € 230 u li jinħarġu fuq l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi. ☐

SEZZJONI E: DIKJARAZZJONI MILL-APPLIKANT PRINĊIPALI U UTENTI OĦRA

Jiena / Aħna (*ħassar fejn mhux meħtieġ*) niddikkjara/w (*ħassar fejn mhux meħtieġ*) illi din il-formola ta' notifika sħiħa, id-dikjarazzjonijiet kollha, dokumenti u l-informazzjoni l-oħra ppreżentati in konnessjoni ma' din in-notifika huma veri, korretti u kompluti f'kull ma jirrikkjedu, bl-aħjar ħila u tagħrif tiegħi, filwaqt li naf li kull għoti ta' informazzjoni żbaljata jew nuqqas ta' turija ta' informazzjoni mitluba jista' jitqies bħala kawża suffiċjenti biex japplikaw il-pieni stabbiliti mil-liġi.

Jiena / Aħna (*ħassar fejn mhux meħtieġ*) nifhem / nifhmu (*ħassar fejn mhux meħtieġ*) li l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi tista' tmexxi investigazzjonijiet kompluti u komprensivi biex tiddetermina l-eżattezza ta' kull informazzjoni provduta f'din-notifika jew magħha.

Jiena / Aħna (*ħassar fejn mhux meħtieġ*) nawtorizza/w (*ħassar fejn mhux meħtieġ*) lill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi biex tagħmel dawn l-investigazzjonijiet.

Jiena / Aħna (*ħassar fejn mhux meħtieġ)* nawtorizza/w (*ħassar fejn mhux meħtieġ*) ukoll lill-persuna / persuni li jaġixxu f'isem u għall-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi biex jidħlu, jispezzjonaw u jivverifikaw is-sors ta' l-ilma ta' taħt l-art u s-sit tiegħu notfikat b'din l-applikazzjoni. Jiena / Aħna (*ħassar fejn mhux meħtieġ)* nawtorizza/w (*ħassar fejn mhux meħtieġ*) lill-persuna / persuni li jaġixxu f'isem u għall-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi biex jiġbru u jirreġistrsaw informazzjoni għar-rigward ta' s-sors ta' l-ilma ta' taħt l-art u s-sit notifikat, inkluż permezz ta' mezzi fotografiċi jew elettroniċi.

Jiena / Aħna (*ħassar fejn mhux meħtieġ*) hawnhekk nawtorizza/w (*ħassar fejn mhux meħtieġ*) lil kull persuna jew entita` awtorizzata mill-Awtorita` biex jipprovdu kull informazzjoni li tista' tkun raġonevolment mitluba mill-Awtorita` in konnessjoni ma' din in-notifika.

Applikant Prinċipali:

Firmat: Data: Isem u Kunjom sħiħ:

Utenti oħra*: (Jekk hemm bżonn imla kopji addizzjonali ta' din il-paġna bil-partikolaritajiet u l-firem kif meħtieġ)*

Firmat: Data: Isem u Kunjom sħiħ:

Firmat: Data: Isem u Kunjom sħiħ:

Firmat: Data: Isem u Kunjom sħiħ:

SECTION F: DIKJARAZZJONI MILL-PERIT

Jiena, il-Perit hawn taħt iffirmat, niddikjara bl-aħjar ħila tiegħi illi kull kontenut tekniku inkluż f'din l-applikazzjoni u fuq il-pjanti, ritratti u disinni huma veri, korretti u kompluti.

Firmat: Data:

Isem sħiħ u timbru uffiċċjali: Numru tad-Dok. Id Elettroniku

JEKK JOGĦĠBOK AQRA IL-KLAWSOLI LI ĠEJJIN QABEL TIFFIRMA
KLAWSOLI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Skond l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kapitlu 440 tal-Liġijiet ta' Malta), aħna se niproċessaw kull *data* personali u / jew sensittiva provduta fuq / f'din il-formola ta' applikazzjoni, talba jew notifika jew sussegwentament provduta minnek, sew jekk verbalment sew jekk bil-miktub, għal kull jew xi waħda minn dawn li ġejjin:

1. Il-proċessar kif suppost ta' l-applikazzjoni, talba u, jew notifika tiegħek kif ippreżentata;
2. Tfixkil, identifikazzjoni u / jew prosekuzzjoni ta' frodi u kull attivita` kriminali oħra li l-Awtorita` hija marbuta li tirrapporta u / jew tipproċedi fuqhom waqt il-ħarsien ta' xi obbligazzjonijiet oħrajn speċifiċi legali jew regolatorji;
3. Stabbiliment, eżerċitar jew difiża ta' xi azzjoni legali;
4. Immaniġar intern, riċerka u statistika, amministrazzjoni ta' sistemi, l-iżvilupp u t-titjib tas-servizzi tagħna;
5. il-protezzjoni u l-promozzjoni ta' l-interessi leġittimi tagħna u l-kondotta proprja ta' l-obbligazzjonijiet tagħna maħruġa taħt xi liġi jew strument regolatorju; u
6. biex tagħmel pubblika l-informazzjoni neċessarja kif speċifikat f'xi liġi rilevanti u / jew strument.

Data relevanti se tkun murija u mqassma mal-ħaddiema kollha tagħna u ma' partijiet terzi kemm il-darba pertinenti għal xi wieħed mill-għanijiet imsemmi hawn fuq. Il-mili ta' kull kaxxa fil-formola huwa obbligatorju. Kemm il-darba tonqos milli timla fil-kaxxa obbligatorja, aħna nirriservaw id-dritt li nirrifjutaw l-applikazzjoni. Jekk xi kaxxa ma tkunx tapplika għaċ-ċirkostanzi partikolari tiegek, immarka dik il-kaxxa bl-ittri "N/A". Inti għandek id-dritt li titlob li aħna nipprovdulek aċċess għad-*data* personali tiegħek kif ukoll id-dritt li tirranġa, jew, fiċ-ċirkostanzi adatti, tħassar kull *data* personali li mhux korretta, kompluta jew immaterjali li tkun qed tiġi proċessata. Iżda inti mitlub tinformana immedjatament b'xi tibdil relatat mad-*data* tiegħek li aħna nkunu qed niproċessaw.

Billi tiffirma din il-formola, inti tikkonferma li qiegħed tagħti kunsens espliċitu skond l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, f'ismek u f'isem il-persuni speċifikati f'din il-formola, biex l-Awtorita` tipproċessa l-informazzjoni personali rispettiva tiegħek kif indikat hawn fuq u inti tikkonferma li ġbidt l-attenzjoni ta' dawn il-persuni l-oħra dwar din in-notifika dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* u akkwistajt il-kunsens rispettiv tagħhom.

Aħna nobbligaw rwieħna li nwettqu il-miżuri ta' protezzjoni bil-għan li tiġi protetta il-kunfidenzjalità, l-integrità u l-aċċessibilità399 tad-*data* kollha proċessata.